**14 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Borg *et noe*

*versus*

Alice armla min-Nutar Joseph Raymond Grech *et*

**Nuqqas ta' Preżentazzjoni ta' Dokument maċ-Ċitazzjoni – Artikolu 789 tal-Kap. 12**

*Hawn biżżejjed assodat fil-ġurisprudenza li kull meta huwa possibbli sakemm il-liġi stess ma timponix in-nullità, l-atti ġudizzjarji għandhom jiġu salvati.*

*In-nuqqas tal-preżentazzjoni tad-dokument m'għandux jiġbed is-sanzjoni tan-nullità. Hawn m'hawnx nuqqas ta' forma. L-Ewwel Qorti setgħet ordnat lill-Kumpanija li tesebixxi d-dokument qabel ma tibda l-kawża.*

Il-Qorti: –

1. Bl-att ta' ċitazzjoni ppreżentat fl-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-kumpanija attriċi ppremettiet illi l-konvenuti naqsu li jonoraw il-konvenju tat-2 ta' Lulju, 1987, għall-bejgħ ta' proprjetà immobiljari, u għalhekk dik il-Qorti kellha tiddikjara li dak il-konvenju m'għadux jorbot u konsegwentement huma

għandhom jirrifondu lill-kumpanija s-somma ta' tlett elef seba' mija u ħamsin lira (Lm3750) iddepożitati għandhom akkont talprezz li kellu eventwalment jitħallas;

2. Preliminarjament il-konvenuti eċċepew in-nulità taċ-ċitazzjoni għaliex ma ġie esebit l-ebda dokument biex jiġġustifika l-pretensjonijiet u t-talbiet fiċ-ċitazzjoni – barra eċċezzjonijiet oħra li m'humiex *rilevanti għal din is-sentenza;*

Difatti fit-**2 ta' April, 1992** l-imsemmija Qorti iddeċidiet din l-eċċezzjoni preliminari u ċaħditha;

Irriteniet is-sentenza, illi l-artikolu 789 Kap. 12 jiddisponi illi l-vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi - bħal dik li qed isemmu l-konvenuti, cjoè dik ta' l-artikolu 156(2) Kap. 12 – tista' ġġib in-nullita' ta' l-att meta dak id-difett ikun ġieb lill-parti l-oħra, *preġudizzju illi ma* jistax jissewwa ħlief billi l-att jiġi annullat. Barra minn dan in-nuqqas ta' dokumenti maċ-citazzjoni, ma jistax iwassal il-Qorti biex minħabba f'hekk tikkunsidra l-att ta' ċitazzjoni "nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-ligi espressament, bħal per eżempju dak li hemm fin-raba' (4) subinċiż ta' l-istess artikolu 156 Kap. 12;

**4. Il-konvenuti appellaw u adduċew bħala aggravju illi s-sentenza m'għamlitx distinzjoni bejn is-subinċiż (ċ) u (d) ta' l-artikolu 789 Kap.12. Is-subunċiż 2 ta' l-artikolu 156 juża l-imperattiv *"shall"* u mhux il-fakolattiv *"may"* riferibbilment għall-esibizzjoni tad-dokumenti neċessarji biex isostnu d-domanda, u m'hemmx dubju li l-iskrittura, l-konvenju, hija meħtieġa** biex id-domandi jissussistu;

5. **L-appellata soċjetà ssottomettiet li s-sentenza** timmerita

konferma u n-nuqqas ta' esebizzjoni tal-konvenju ma timpurtax in-nullità taċ-ċitazzjoni kif "kostantement ritenut mill-Qorti tagħna partikolarment fil-kawża Saveria Sciortino *et* – *vs* – Carmelo Micallef tal-5 ta' Ġunju, 1959 (Vol. XLIII.II.748);

6. Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-sentenza ċċitata mill-kumpanija appellata m'għandhiex x'taqsam mas-subiċiniż (2) ta' l-artikolu 156, Kap. 12, iżda mas-subinċiż (1)(a) ta' l-istess artikolu **biss** u għalhekk il-Qorti tiddeplora sottomissjoni inutili bħal dik, bit-telf ta' xogħol u żmien li timporta;

7. Fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' Novembru 1991, fl-ismijiet Guido Vella, Arkitett u Inginier Ċivili – *vs* – Dottor Emanuel Ċefai (Vol. LXXV.II.467) intqal:

"Evidentement kwalunkwe talba bbażata fuq obbligazzjoni naxxenti minn skrittura jew kuntratt bejn il-kontendenti tirrikjedi l-akkompanjament ta' l-istess skrittura jew kuntratt maċ-ċitazzjoni ......";

u ma jistax ikun hemm dubju li l-**konvenju** huwa **meħtieġ** biex jissussistu t-talbiet tal-kumpanija billi, l-ewwel talba hija "*niente di meno*" waħda dikjaratorja li l-konvenju tat-2 ta' Lulju, 1987" skada u mhux effettiv skond il-liġi";

Diffiċli li jingħata eżempju aktar lampanti minn dan ta' dak li timponi l-liġi fis-subinċiż imsemi:

"Flimkien maċ-ċitazzjoni għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba";

8. Is-sanzjoni għall-kontravenzjoni però, ma jidhirx li

għandha tkun li l-att ta' ċitazzjoni jiġi ddikjarat null. Hawnhekk m'hemmx nuqqas ta' element essenzjali sabiex dak l-att jista', jipproċedi proċeduralment inkwantu l-aqwa u l-aħjar prova (art. 559 Kap. 12) li hemm immedjatament bżonnha, hija nieqsa. Difatti l-ewwel Qorti setgħet – jekk mhux "kellha" – tordna lill-kumpanija li tesebixxi d-dokument qabel ma tibda l-kawża – art. 173 Kap. 12 – u li ma tappuntax il-kawża qabel ma dik id-direttiva tiġi obduta;

9. Għalhekk in-nullità m'hijiex is-sanzjoni applikabbli, għaliex din is-soluzzjoni radikali biex tiġi applikat jeħtieġ l-elementi ta' l-inevitabbilità tan-neċessità li ma tistax tiġi aġġirrata mingħajr preġudzzju gravi għall-parti l-oħra. Barra mill-element ta' preġudizzju irreversibbli; dak li ma jistax jissewwa jekk mhux bl-annullament. Huwa biżżejjed assodat fil-ġurisprudenza li kull meta huwa impossibbli u sakemm il-liġi stess ma timponix in-nullità, l-atti ġudizzjarji għandhom jiġu salvati, sabiex fost ħwejjeġ oħra, jiġu evitati r-ripetizzjonijiet ta' l-atti u l-multiplikazzjonijiet ta' l-istess;

11. Għaldaqstant is-sentenza appellata hija kkonfermata b'dan però illi l-atti ma jintbagħtux lura quddiem l-ewwel Qorti qabel ma l-kumpanija tesebixxi b'nota l-oriġinal tal-konvenju tat-2 ta' Lulju, 1987, u qabel ma tħallas minn issa stess, l-ispejjeż kollha li saru s'issa fil-kawża, biex jagħmlu tajjeb għall-preġudizzju proċedurali li bin-nuqqas sofrew l-appellanti.